**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 15 ta' April 2024

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Antonio sive Charles Bianco**

Kump Nru : 873/2012

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat, Carmelo Antonio sive Charles Bianco ta' 44 sena, iben Joseph u Pia Camilleri nee' Zammit, imwieled B'Kara fil-25 ta' Jannar 1968, u residenti 'Highway Flts', Flt 4, Triq il-Wied tal-Imsida, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44368(M):

U akkużat talli fi Frar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-dannu ta' Antoine Vassallo detentur tal-karta tal-identità numru 825847(M), għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Antoine Auto Dealer, ai termini tal-artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorità pubblika u ċioe fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Aktar talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-qorti tal-maġistrati Malta datata 27 ta' Ottubru 2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-prosekuzzjoni esebiet l-Att ta' Twelid kif ukoll il-fedina penali tal-imputat;

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-13 ta' Frar 2015 a tenur tal Artikolu 432(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015 l-proċeduri nbdew mill-ġdid. Sar eżami ta' l-imputat li għalih wieġeb mhux ħati. Id-difiża eżentat lill-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi kollha li kienu diġà nstemgħu. Dakinhar ingħata digriet prima faċie.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wara li l-Qorti tisma x-xhieda indikata fl-istess nota kif ukoll kull prova oħra li jogħġobha tressaq il-pulizija f'dan il-każ, bagħat lill-imputat Carmelo Antonio sive Charles Bianco biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (qabel l-emendi permezz tal-att XXIV tas-sena 2014);
- L-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 17, 23, 23A, 31, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-istess seduta tal-24 ta' April 2017, wara li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma kienx fadallu aktar provi xi jressaq, inqraw l-imsemmija artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti kif presjeduta mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta Lulju 2023, b'eċċezzjoni waħda dwar ix-xhieda tal-imputat;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024 id-difiża ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar is-sottomissjonijiet finali u li xtaqet tistrieħ fuq l-atti proċesswali, kif ukoll is-sottomissjonijiet tad-difiża;

**Ikkunsidrat:**

**A. <u>Fatti tal-każ u l-provi</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Spettur Maurice Curmi** xehed kif f'ittra tal-25 ta' Lulju 2010 Dr Ruth Scott f'isem il-klijenti tagħha Antoine Vassallo li kellu id-ditta ta' Antoine Auto Dealer kien biegħ karozza Peugeot 106 b'numru ta' reġistrazzjoni JAA378 lill-ċertu Kalcedon Vella KI 527577M fuq kuntratt ta' hire purchase. Kompliet tgħid li minħabba il-pagamenti mensili permezz ta' bills of exchange kien hemm fis-seħħ ir-regolament 25.

Sussegwentement il-vettura ġiet maqbuda permezz ta' mandat bin-numru 3087/2006 fl-ismijiet Western Company Ltd vs Kalcedon Vella. Peress li l-imputat kien id-direttur tal-imsemmija Western Company Ltd., kien hu li mexxa għall-ħruġ ta' dan il-mandat, u sussegwentement sabiex jawtorizza it-transfer tal-vettura in kwistjoni favur il-kumpanija tiegħu. Fil-25 ta' Jannar tal-2007 il-Kumpanija Western Company Limited daħlet applikazzjoni quddiem il-Qorti fejn fiha ġie ddikjarat li Chalcedon  Vella kien is-sid tal-vettura meta dan fil-verità ma kienx, peress li kienet għadha ma tħallsitx il-vettura u allura kienet għada tal-klijent tagħha Antoine Vassallo. Hija allegat li l-klijent tagħha ġie ffrodat s-somma ta' €6,966. Huwa esebixxa koppja tal-ittra tal-avukat Dr Ruth Scott, kif ukoll irċevuta tal-bejgħ tal-vettura, ftehim hire purchase, kopji taż-żewġ rikorsi - wieħed tal-25 ta' Jannar 2007 u l-ieħor tal-21 ta' Novembru 2006, rifjut tad-dritt tal-avukat, stqarrija tal-imputat, u dokument tal-bank fejn hemm indikat l-ammonti li kienu għadhom dovuti fuq il-karozza inkwistjoni (fol 40 sa 51).

Ix-xhud jgħid li kellem lil Chalcedon  Vella u dan qallu li l-unika dokument illi qatt iffirma Chalcedon  Vella kien il-log book liema dokument kien ġie ffirmat quddiem il-Marixxal tal-Qorti, u fuq talba tiegħu, u dan Vella kien informa wkoll lill-Marixxal li kienx japplika r-regolament 25 u kien baqagħlu jagħti flus fuqha lill-bank.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk jafx illi kienet infetħet kawża ċivili fuq dan il-każ, hu jikkonferma, biss jgħid li ma kienx jaf l-eżitu tagħha.

2. **Karen Cremona** xehed illi hija taħdem Transport Malta bħala legal administrator u esebit il-fajl tal-vettura JAA378 (fol 53 sa 93).

3. **Antoinne Vassallo** xehed li kien daħal ċertu Mark Żammit fis-showroom tiegħu u partatlu vettura oħra mal-vettura in kwistjoni JAA378 liema vettura imbagħad bejgħ lill Chalcedon  Vella u għamillu kambjali mal-Bank HSBC. It-tpartit sar fit-30 ta' Lulju 2002 filwaqt li l-bejgħ tal-vettura lill-Chalcedon  Vella sar fl-14 t'Awwissu 2002. Sussegwentement avviċina lill-dan Vella u saqsiegħ għala ma kienx qed iħallas il-pagamenti. Huwa kien irrispondiegħ li l-vettura kien ħadielu ċertu Charlie Bianco bil-Qorti għax il-karozza kien biegħielu hu u kellu jtiħ xi flus. Ix-xhud kien qallu li din kien qallu li ma setax itielu (lill Bianco) peress li kien hemm ir-Regulation (25) mal-ADT u (l-kambjali) mal-HSBC. Hu ma ftakarx kemm kellu jtigħ fuqha peress li kien

hemm l-interessi li baqgħu tilajn. Ix-xhud jgħid li l-loan mal Bank ħallsu hu. Muri Dokument MC8 fol 51 jikkonferma li l-ammont li huwa ħallas kien ta' LM2,990.59.

Issa meta mistoqsi biex jispjega x'ġara eżattament jgħid hekk:

"Jien dhalt fiha ghax il-karozza beghtilu jien il-karozza, min tieghi u l-Bank mhux ha jaccetta ma tkunx karozza minn tieghi"

Ix-xhud sussegwentement jikkonferma li kien jaf li kien hemm proċeduri miftuħa mil-imputat kontra Chalcedon Vella. Huwa jgħid li Chalcedon Vella kien diffiċli biex issibu u qatt ma xehed biex jgħid minn fejn kien xtara l-vettura.

Huwa ikkonferma li r-rikors dwar mandat ta' qbid bin-numru 3087/2006 Dok MC1 (fol 40 u 41) kien tiegħu.

In kontroeżami huwa jikkonferma li huwa dejjem innegozja ma Chalcedon Vella.

4. **Dr Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** ippreżentat l-M&A tal-kumpanija Western Company Limited C19994 (fol 125).

5. **Chalcedon Vella** xehed li huwa jaf lill-Antoinne Vassalo peress li fl-2000 ried jixtri karozza. Huwa jgħid li xtara diversi karozzi mingħandu. Huwa jgħid li qabel xtara l-karozza in kwistjoni, l-Peugeot 106, kien xtara żewġ karozzi oħra mingħand Vassallo. Jgħid li kien qed jagħmel pagament ta' LM103 fix-xahar. Hu jgħid li hu qatt ma ra kambjali iżda biss irċevuti. L-prezz tal Peugeot kien ta' LM5,000. Jgħid li kellu jagħmel xi sittin pagament u kien laħaq għamel qisu nofshom. Ix-xhud jgħid li huwa baqa' jħallas il-pagamenti sakemm sar is-sekwestru u ttiħditlu l-karozza.

   Dwar l-imputat jgħid li xi żmien qabel kien xtara karozza mingħandu u ma ħallsux, u l-imputat għamel xogħlu. Il-Peugeot kienet ittiħditlu b'ordni tal-Qorti peress li l-mandat ta' sekwestru kien hemm imsemmija l-Peugeot in kwistjoni. Jikkonferma li huwa iffirma l-Log Book fil-preżenza tal-Marixxal. Huwa kien qal lil-Marixxal li din kien għadu ma ħallasiex. Sussegwentement kienu bagħtu għalija mil-HSBC u xi żmien wara anki Antoinne Vassallo u għaddejtlu kopja tal-mandat. Jgħid li kien għad fadal xi LM2,000 x' jitħallsu.

6. **Glenn Bugeja in rappreżentanza tal-HSBC** xehed li huwa ma kien jaf xejn fuq il-loan in kwistjoni, ipprova jfittex fil-file biss peress li din hija antika ħafna. Huwa fehem li din kienet xi tip ta' car loan.

7. **Mark Zammit** xehed li huwa kellu vettura tal għamla Peugeot 106 bin-numru JAA 378, u kien partata ma karozza oħra għand Antoinne Auto Dealer ta Had-Dingli .

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Maurice Curmi** in kontroeżami jgħid li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri peress li kellu kwerela u mill-investigazzjoni irriżultalu li kien hemm zewġ firem tal-PL Bianco li kienu differenti. Ix-xhud imbagħad jikkonferma li hu kulma kellu kopji ta' dan ir-rikors li jingħad li fih firma li tidher li setgħet ġiet iffalsifikata. L-oriġinali tar-rikors baqgħet ma nstabitx. Huwa mexxa xorta peress li dik kienet the next best thing bħala prova. Huwa jgħid li kien kellem lil-Pl Bianco u dan kien qallu li ma jiftakarx id-dokumenti li kien daħħal per se. Huwa jgħid li din il-kopja għadditielu Dr Ruth Scott, u qaltlu li ġabithom minn Transport Malta. Hu jgħid "u waqaft hemm" fis-sens li lanqas ma kkonferma ma Transport Malta. Ix-xhud jgħid li qatt ma ra l-log book oriġinali tal-karozza in kwistjoni. Huwa jgħid li dan it-trasferiment kien awtorizzat mil-Qorti. Huwa jikkonferma li kellem lill-Antoine Vassallo u lill-Chalcedon Vella iżda ma ħadilhomx stqarrija.

   Mistoqsi dwar il-fatt li x-xhud tal-HSBC Glenn Bugeja ma sabx records dwar din il-bank loan dwar il-vettura in kwistjoni, ix-xhud jgħid li ma jafx x'għamel il-bank.

   Mistoqsi jekk jafx jekk Antoinne Vassallo qatx ħa passi kontra Kalċidon Vella biex jirkupra l'flus (li allegatament ħallas lill-Bank HSBC), ix-xhud jgħid li ma jafx. Huwa jikkonferma li dwar Kalċidon Vella u Antoinne Vassallo huwa ma għamel ebda verifika.

   Mistoqsi jekk jafx għala Transport Malta mexxew bit-trasferiment nonostante li kien hemm ir-Regulation 25, ix-xhud jgħid li dan sar peress li kien hemm l-ordni tal-Qorti,

pero jgħid li hu ma tkellimx magħhom. Huwa tellaħħhom bħala xhud biex jippreċentaw il-file tal-vettura.

2. **Carmelo Antonbio sive Charles Bianco** xehed darbtejn. L-ewwel darba xehed quddiem il-Maġistrat Josette Demicoli nhar it-12 ta' Ġunju 2019. Sussegwentement reġa xehed quddiem din il-Qorti kif presjeduta nhar il-11 ta' Jannar 2024.

Fl-ewwel okkażjoni huwa xehed li bejn l-2005 u l-2012 huwa kien jimporta u jbiegħ il-vetturi, kienu 'jiddiscountjaw' il-kambjali relattivi kif ukoll kienu għadhom jaħdmu fil-kostruzzjoni, kollox f'isem il kumpanija Western Company Limited C19994.

Muri Dokument MC4 fol 45 ix-xhud jikkonferma li dan ma kienx sar minnu. Jgħid li huwa kien diġa ġibed l-attenzjoni tal-Ispettur Maurice Curmi dwar dan il-fatt dak inhar li huwa ġie mitkellem mil-pulizija.

Muri dokument MC5 fol 47 jikkonferma li dak kien tagħhom. Kienu qabbdu lill-PL Noel Bianco li jiġi ħu l-imputat, u li kienet saret il-proċedura bl-ittra uffiċjali kontra Chalcedon Vella u peress li dan ma rrispondiex ottjenew titlu eżekuttiv, imbagħad segwew bl-eżekuzzjoni permezz ta mandat ta' qbid. Kienet inqabdet il-vettura Peugeot 106. Saret talba lil-Maġistrat sabiex il-vettura tiġi trasferita lilhom, Kalcedon ma kienx irrisponda. Huma ma kellhm xejn fuq il-vettura, lanqas log book. It-trasferiment isir min-naħa ta' Transport Malta.

Mistoqsi jekk jafx xi ħaġa dwar id-dejn fuq il-vettura, huwa jgħid li ma jafx. Jgħid li jekk ikun hemm id-dejn bħala proċedura huma joħorġu d-differenza u jixtruha huma.

Ix-xhud dwar fol 45 jerġa jikkonferma li dak hu qatt ma rah. Jgħid ukoll li hu jżomm kopji ta' kollox u dak id-dokument. Jikkonferma li hu qatt ma ppreżentaħ Transport Malta. Dwar il-firma fuq dan id-dokument jgħid li hu ma jgħamilx dawn l-affarijiet u qatt ma iffalsifika firem.

Mistoqsi jekk qatt tagħax xi struzzjonijiet biex jintqal li dik il-vettura kienet tagħhom, jiċħad u jġid li l-karozzi kollha jgħaddu minn taħt idejh.

Mistoqsi dwar il-proċedura li tintuża biex tinqabad karozza huwa jgħid li jgħamlu ittra uffiċjali dwar il-kambjali u ngħatu ċans. Jekk dak li jkun ikellimna, aħna nippruvaw nirranġaw. Nirranġaw anke dwar imgħaxxijiet. Biss f'dan il-każ huwa ma rrispondiex. Ippruvajna nkellmuħ imma kien kollu għalxejn. Sar mandat ta' qbid u ġiet elevata l-vettura. Meta ġiet elevata mill-Marexxall biex umbagħad tgħaddi għand il-kunsenjatarju dan qatt ma qal li kien hemm dejn fuqha. Imbagħad isir rikors biex il-vettura tiġi rrilaxxata favur tagħna, u l-Imħallef jordna n-notifika lil-parti l-oħra għar-risposta. Dan ma rrispondiex u l-vettura ġiet rilaxxata favur tagħna.

Huwa jerġa jikkonferma li d-dokument esebit fl-atti bħala Dok MC4 qatt ma ġie ntavolat. Huma qatt ma kienu għamluħ. Ix-xhud jgħid li dan kien diġa qalu lill-ispettur Curmi wara li vverifika mal-uffiċju tiegħu. Kien għalhekk li malli bdiet l-istqarrija huwa kien għażel li ma jirrispondix, imbagħad wara li tħalla jċempel l-uffiċju kompliet l-istqarrija u hu irrisponda li l-vettura huma ma biegħawiex.

Dwar id-dokumenti fil-proċess fol 58 sa 67, ix-xhud jikkonferma li huma l-istess dokumenti li huwa għandu fil-file tiegħu.

Dwar ir-Regulation 25, ix-xhud jgħid li huwa mingħajr log book tal-vettura ma jkun jaf xejn. Huwa jgħid li jekk ma waqqfitx it-trasferiment Transport Malta, jiġifieri li kollox sew. Kieku waqqfet it-trasferiment kienu jmexxu bis-subbasta.

In kontroeżami ix-xhud jikkonferma li l-vettura JAA378 ma kinitx reġistrata f'ismu u repetutament jinnega li r-rikors a fol 45 huwa tiegħu.

Ix-xhud imbagħad fit-tieni okkażjoni, jiġifieri fil-11 ta' Jannar 2024 filwaqt li jikkonferma li ma jixtieq ibiddel xejn mix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2019, prattikament jirrepeti l-istess ċirkostanzi.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

## 2. <u>Fuq il-provi</u>

Il- Prosekuzzjoni filwaqt li ġabet il-provi li dehrilha li jwasslu għal livell ta' prova fil kamp kriminali, hija meta ġiet biex tagħlaq il-każ tagħha u tagħmel is-sottomissjonijiet relevanti għall-każ, għażlet li tirrimetti ruħha għal-istess provi mingħajr ma tikkumenta kif hija ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-Liġi u sewwa sew il-henn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Din il-Qorti, wara li fliet l-atti proċesswali, u peress li hija ma kelliex l-opportunita li tisma l-provi hija stess, tinsab perplessa dwar iċ-ċirkostanzi li għandha quddiema.

Dan il-każ, bħalma sikwiet jiġri, beda bi kwerela. L-uffiċjal investigattiv rinfaċċjat b'tali kwerela jkollu d-dmir jinvestiga l-każ u jekk jirriżultalu l-ksur ta' Liġijiet Kriminali, huwa, wara janalizza dawk il-provi li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ħtija f'xi persuna jew persuni, jipprepara l-każ jew każijiet b'reqqa sabiex jitressaq jew jitressqu dawk il-persuni quddiem il-Qorti, u sussegwentement issir il-kumpilazzjoni tagħhom f'dawk il-każijiet li jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qorti, jew jekk ma jkunux jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti, sabiex jiġu ġġudikati minnufiħ.

Huwa minnu li ċerta provi jistgħu jinġabru biss fil-kumpilazzjoni jew permezz ta' xhieda fil-Qorti, pero l-uffiċjal investigattiv ma jista' qatt jgħaddas rasu, u jressaq persuna jew persuni l-Qorti mingħajr dik l-investigazzjoni bażika dwar il-fatti sottostanti li jistgħu jitfgħu dawl fuq jekk hemmx każ jew le. Pero aktar importanti minn hekk, tali nvestigazzjoni trid twassal għal-dawk il-persuni li għandhom jitressqu l-Qorti, bl-esklużjoni ta' oħrajn.

Il-prosekuzzjoni qed tallega u tipprova tibni l-każ tagħha kontra l-imputat abbażi ta' dokument, ċioe rikors li allegatament huwa falz, peress li fih jingħad li *"l-vettura tal-Marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni JAA-387, li kienet l-istess vettura mixtrija minghand is-Socjeta Attrici".* Dan id-dokument allegatament ġie ppreżentat fil-Qorti. Il-prosekuzzjoni tallega li din il-vettura ma kinitx tas-Soċjeta Western Co. Ltd għaldaqstant xliet lill-imputat bħala direttur tagħha bi frodi. Biss il-prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta kopja oriġinali, jew trattandosi ta' allegat att ppreżentat fi proċeduri ġudizzjarji, kopja awtentikata tiegħu. Barra minn hekk, mix-xhieda in kontroeżami tal-uffiċjal investigattiv, li huwa ukoll l-uffiċjal prosekutur, dan id-

dokument wasal għandu tramite r-rappreżentant legali tal-allegata vittma, Dr Ruth Scott, li min naħa tagħha qaltlu li kienet ottjeniet l-imsemmi dokument mingħand terzi. Jidher li l-Prosekuzzjoni meta ddikjarat li ma fadliliex aktar provi xi tressaq irrinunzjat għax-xhieda ta' Dr Ruth Scott. Din ix-xhud setgħet titfa iktar dawl fuq id-dokument li hija għaddiet lil-uffiċjal investigattiv. Jingħad ukoll li għalkemm jirriżulta mill-atti li l-prosekuzzjoni ressqet rappreżentant ta' Transport Malta, ċerta Karen Cremona, l-uffiċjal prosekutur naqas milli jagħmel dawk il-mistoqsijiet relevanti dwar id-dokument li dwaru tressaq l-imputat mixli bi frodi. L-imsemmi xhud ppreżentat il-fajl sħiħ dwar il-vettura JAA378 (fol 53 sa 93), minn fejn ma jirriżultax l-imsemmi dokument.

Dan id-dokument u ċ-ċirkostanzi dwaru jqanqlulha ħafna mistoqsijiet. Din il-Qorti pero trid tillimita ruħha għal dan il-każ u dwar jekk għandiex issib ħtija fl-imputat għal akkużi li jinsab mixli dwarhom. Madanakollu l-Qorti tqis li l-investigazzjoni dwaru kellha tkun waħda iktar wiesha. Din il-Qorti sejra tipproċedi sabiex tevalwa l-provi li għandha quddiemaha.

3. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"talli fi Frar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-dannu ta' Antoine Vassallo detentur tal-karta tal-identità numru 825847(M), għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Antoine Auto Dealer, ai termini tal-artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Din l-akkuża għaldaqstant tikkontempla kemm it-truffa kif ukoll ir-reat anqas gravi tal-frodi innominata. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** jingħad li:

> *"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett*

*passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fillegislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa talCodice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz, jew*
*c. ta' kwalifiki foloz, jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
*e. ingann, jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew*
*g. ta' hila, jew*
*h. setgha fuq haddiehor, jew*

*i. ta' krediti immaginarji, jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik ilforma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mis-e-enscene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod illegittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Issa f'dan il-każ id-difett fatali għal prosekuzzjoni jikkonsisti propju fid-dokument li fuqu ġiet ibbażata din l-akkuża. Kif diġa ngħad hawn fuq il-prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta kopja oriġinali, jew kopja awtentikata tiegħu. Naqset ukoll milli tipproduċi dawk il-provi diretti jew ċirkostanzjali li jorbtu lill-imputat miegħu. Din il-Qorti tagħmel refenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Settembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Calleja fejn** ingħad li:

*"Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.*

*Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti: Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-hearsay evidence. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:*

*598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
*(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*

*599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

*Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Janis Caruana tal-14 ta' Mejju 2012 mil-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-hearsay evidence kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:*

*Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*

*Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk: 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

*Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'paragrafu 130: 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the*

*1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

*Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*

*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).*

*Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

*Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi ġie deċiż is-segwenti: Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.*

*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct*

*thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari. F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:' Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*

*Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-hearsay evidence ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar: Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud*

*li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."*

Din il-Qorti ma jista qatt ikollha s-serħan tal-moħħ dwar dan id-dokument li dwaru qed jiġi akkużat l-imputat, peress li ma ġiex ippruvat li dan id-dokument verament ġie prodott mil-imputat jew almenu taħt struzzjonijiet tiegħu bħala direttur tal-kumpanija Western Co. Ltd, u li verament ġie ppreżentat fil-Qorti biex setgħet issir il-frode messa n' xena, jew inkella il-frodi innominata, u ovvjament la darba m'hemmx xi wieħed minn dawn iż-żewġ reati, m'hemmx lok għal eżami dwar l-aggravju.

Il-Qorti eżaminat ukoll il-fajl tal-vettura JAA378 ippreżentat mir-rappreżentant ta' Transport Malta (fol 53 sa 93). Dwar dan tibda biex tgħid li l-unika restrizzjoni li tirriżulta mill-istess fajl dwar trasferiment minħabba r-regolament 25 huwa fil konfront tas-sid originali, cioe Mark Zammit liema restrizzjoni kienet ġiet ikkanċellata qabel l-allegat akkadut relatat mal-imputat. Ir-restrizzjoni fil konfront ta' Chalcedon Vella msemmija mil-allegat vittma Antoine Vassallo fix-xhieda tiegħu, kif ukoll mill-uffiċjal investigattiv u prosekutur, ma tirriżultax minn dan il-fajl. Għaldaqstant din il-Qorti ma jirriżultaliex li Transport Malta ġiet influenzata b'xi mod biex tagħmel xi trasferiment waqt l-effett ta xi restrizzjoni dwar b'effett tar-Regolament 25.

Pero din il-Qorti tqis ukoll li dan il-fatt, flimkien max-xhieda tar-rappreżentant tal-bank HSBC li ma sabx indikazzjoni tal-loan imsemmi mil-allegat vittma Antoine Vassallo, kif ukoll mill-uffiċjal investigattiv u prosekutur, jkompli jqajjem dubbji serji dwar il-kopji tad-dokumenti esebiti, partikolarment dak a fol 51 dwar l-allegat telf inkors mil-vittma. Dan id-dokument ukoll m'hu xejn ħlief kopja, li setgħet faċilment tiġi kkonfermata mir-rappreżentant tal-bank Glenn Bugeja li xehed f'dawn il-proċeduri. Biss la l-prosekuzzjoni u lanqas il-parte ċivile ma għamlet tentattiv sabiex jiġi ssanat id-difett dwar l-aqwa prova u tiġi kkonfermata l-awtentiċita ta' tali dokument. Ma saret l-ebda domanda lill-imsemmi xhud dwar l-imsemmi dokument.

**Għalhekk il-Qorti mhix se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li din imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.**

4. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorità pubblika u ċioe fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

   Din l-akkuża hija bbażata fuq l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu iseħħ meta persuna tagħmel dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni falza, jew tagħti informazzjoni falza f'xi dokument maħsub għal awtorità pubblika bl-intenzjoni li tagħmel qligħ jew benefiċċju. Analiżi tal-artikoli preċedenti tal-liġi fil-Kapitolu 9 dwar il-falsifikazzjoni turi li dan ir-reat m'huwiex wieħed li jinvolvi alterazzjoni materjali ta' dokument, iżda jirrikjedi falsità ideoloġika. Reat taħt dan l-artikolu jeħtieġ li d-dokument jibqa' ġenwin, anke meta l-intervent malizzjuz fuqu tkun avverat ruħha. Id-dokument ikompli jgħid il-verità dwaru nnifsu, iżda l-attur xjentement ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz, jew ta nformazzjoni falza fid-dokument, b' tali mod li d-dokument ikun fih gideb, dikjarazzjonijiet foloz, jew informazzjoni falza. Id-delitt ikkontemplat taħt l-artikolu 188 għalhekk mhuwiex wieħed li jikkonċerna falsità materjali, iżda għandu x'jaqsam ma' falsità ideoloġika.

   Fil-każ odjern, għal istess raġunijiet imfissra hawn fuq dwar id-dokument a fol 45 cioe li ma ġiex ippruvat li dan id-dokument verament ġie prodott mil-imputat jew almenu taħt struzzjonijiet tiegħu bħala direttur tal-kumpanija Western Co. Ltd, **din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

5. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"Aktar talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-qorti tal-maġistrati Malta datata 27 ta' Ottubru 2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

   Illi in vista tal-fatt li l-Qorti mhix se ssib ħtija dwar iż-żewġ akkużi, l-Qorti għal dak li jirrigwarda l-aggravant tar-reċidiva ma tistax tqis lill-imputat bħala reċidiv.

   **Din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

C. **<u>Konklużjoni</u>**

Għal dawn il-motivi l-Qorti issib lill-imputat Carmelo Antonio sive Charles Bianco, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44368(M) mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Finalment il-Qorti stante li ma ssibx ħtija fl-imputat tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba dwar kwalunkwe spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**